Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11211/26
PV CONS 42
ENV 861
CLIMA 359
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)

25 ta' Ġunju 2026

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 10870/26.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** 10938/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 10940/26

**Affarijiet Barranin**

1. **Regolament dwar l-aġġustament tad-dazji doganali u l-ftuħ tal-kwoti tariffarji relatati mal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti** ❶C 10701/26 + ADD 1 PE-CONS 32/26 POLCOM
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni kif ukoll dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. **Regolament dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerta merkanzija** ❶C 10700/26 PE-CONS 31/26 POLCOM
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**3. Emenda tar-Regolament dwar l-istandards tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi u l-vannijiet** ❶C 10065/1/26 REV 1
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**4. Strateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma - Sena wara: Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem** 2 10288/1/26 REV 1
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi tan-nota mħejjija mill-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

**5. Natura, Negozju u Kompetittività: L-Immaniġġar tar-Riskji ta' Telf tal-Bijodiversità** 2 10286/26
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi tan-nota mħejjija mill-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

**6. Regolament REACH: it-triq 'il quddiem** 2 10294/26
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi tan-nota mħejjija mill-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

**Affarijiet oħra**

7. a) Qabel il-COP 31: Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE għan-negozjati fil-laqgħat internazzjonali dwar il-klima – rendikont tal-Presidenza Ċiprijotta 10675/26
*Informazzjoni mill-Presidenza*

b) Kommutaturi ta' vultaġġ għoli - Azzjoni meħtieġa għal grilja elettrika Ewropea b'saħħitha u sigura 10693/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Italja, il-Bulgarija u r-Repubblika Ċeka*

c) **Riżultati ta' 34 sena ta' implimentazzjoni tar-Regolament LIFE u prospettiva** [2] 10548/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Awstrija, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

d) **Informazzjoni dwar il-Laqgħa tal-MED9 tal-Ministri għall-Ambjent (Šibenik, il-Kroazja, 18–19 ta' Mejju 2026) - Ir-Reżiljenza tal-Provvista tal-Ilma u l-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar** [2] 10918/26
*Informazzjoni mill-Kroazja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja.

e) **Rapport dwar laqgħa internazzjonali reċenti ewlenija:** [2]

**Il-Ħmistax-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (COP15) (Campo Grande, il-Brażil, 23-29 ta' Marzu 2026)** 10878/26
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

f) **Is-Sbatax-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD COP17) (Ulan Bator, il-Mongolja, 17–28 ta' Awwissu 2026)** [2] 10879/26
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

g) **L-indirizzar tal-isfidi fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ** [2] 10712/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Bulgarija, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

**h) Negozjati dwar it-Trattat Internazzjonali dwar it-Tniġġis mill-Plastik** ⓶ 10949/26
*Informazzjoni minn Franza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

**i) Il-ħtieġa ta' koordinazzjoni Ewropea fil-qlieda kontra l-ispeċijiet aljeni invażivi u l-prevenzjoni tal-firxa tagħhom** ⓶ 10911/26
*Informazzjoni minn Franza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

**j) L-indirizzar tal-moda ultraveloċi: Appell għal approċċ koordinat tal-UE** ⓶ 10797/1/26 REV 1
*Informazzjoni mill-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, in-Netherlands u s-Slovenja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, in-Netherlands u s-Slovenja, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

**k) Dokument informali tal-Benelux dwar l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li ġej** ⓶ 10993/26
*Informazzjoni mill-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands.

**l) Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** ❶C

**L-aċċellerazzjoni tal-Proċeduri għall-Għoti ta' Permessi:**
**Appell għal Konsistenza Akbar bejn id-Dispożizzjonijiet tas-Settur tal-Enerġija u l-Omnibus Ambjentali** 11052/26
*Informazzjoni minn Franza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

**m) L-implimentazzjoni tar-rendikont globali: riżultati u eżitu tal-ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni Lil Hinn mill-Fjuwils Fossili** 10738/26
*Informazzjoni min-Netherlands*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands.

**n) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
*Informazzjoni mill-Irlanda*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Irlanda.

---

L-ewwel qari

Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 10940/26**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 1:** | **Regolament dwar l-aġġustament tad-dazji doganali u l-ftuħ tal-kwoti tariffarji relatati mal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUMMISSJONI**

**dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) 2026/... dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka**

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li l-Parlament Ewropew jagħti lis-segwitu mill-qrib tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti s-sospensjoni tal-preferenzi mogħtija lill-Istati Uniti. Għal dak il-għan, jekk il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni ser tivvaluta bir-reqqa jekk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikawx bidu *ex officio* ta' investigazzjoni u ser tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**dwar atti ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2026/... dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka**

"Il-Kummissjoni ser iżżomm lill-Parlament Ewropew infurmat regolarment u ser tqis bis-sħiħ il-fehmiet tal-Parlament Ewropew qabel ma tipproponi att ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament."